# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 370/2014

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**(Spettur Anzjan Mario Tonna)**

**Vs**

**Giljan Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Giljan Tanti detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 465287M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) Nhar is-16 ta' Settembru, 2014, ghall-habta tas-19:30hrs, gewwa Triq Istabal, Hal Qormi, u/jew fl-inhawi tal-isptar San Vicenz De Paule limiti ta' Hal Luqa, u f'dawn il-Gzejjer, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cikonja Bajda Ciconia ciconia (Inkluz fi Skeda I), mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li

tinghata tahthom u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

b) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser xi disposizzjonijiet, restrizzjoni, jew projbizzjoni imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' billi ttanta izomm lil xi ghasfur, kemm haj u kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew tehid tieghu huma projbiti taht dawn ir-regolamenti, u cioe' Cikonja Bajda Ciconia ciconia (Inkluz fi Skeda I), mhux skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikjarat u registrat mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u meta ma kienx inghata l-permessi, jew certifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

c) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser xi dispozizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' billi ttanta izomm lil xi ghasfur, kemm haj u kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew tehid tieghu huma projbiti taht dawn ir-regolamenti, u cioe' Cikonja Bajda Ciconia ciconia (Inkluz fi Skeda I), meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi stat membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-direttiva tal-Kunsill 79/40/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dak l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4(1)((f) u 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

d) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u cioe' Cikonja Bajda Ciconia Ciconia (Inkluz fi Skeda 1), u dan bi ksur ta' regolament 5(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

e) Talli ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe' Cikonja Bajda ciconia ciconia (Inkluz fi Skeda I), u dan bi ksur ta' regolament 5(3)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

f) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet tar-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skond ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

g) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt li kien qiegħed ifittex jew idur ghall-ghasafar dahal f'xi ghalqa, art, fond, jew recint iehor li huwa ta', jew okkupat minn terzi minghajr il-kunsens taghhom u dan bi ksur ta' regolament 14(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504,71);

h) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr arma tan-nar jew ikkaccjat jew ipprova jikkaccja xi ghasfur kif permess taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi jew ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux fuqu d-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tieghu jew xi mezz iehor rikonoxxut ta' identifikazzjoni u l-licenzja adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilhu taht ir-regolamenti jew taht xi ligi ohra u dan bi ksur ta' regolament 16 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504,71);

i) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjon jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' regolament 18(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

j) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr arma tan-nar li kienet ikkargata jew bl-iskratac fil-kompartiment tal-iskratac ta'

l-arma, jew barra l-ghata taghha, f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' regolament 17 u ta' regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

k) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, garr arma tan-nar kemm jekk kienet ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienitx fl-ghata taghha, jew spara arma tan-nar, waqt li kien f'inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali jew arterjali u dan bi ksur ta' regolament 18(2)(a) u ta' regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

l) Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar, u cioe' apparat elettriku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(2) tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504,71);

m) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandha licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqhu arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi ksur ta' Kap 480 art. 47(1).

n) Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kunxissjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

o) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjoni barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-480, Art. 5(3);

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra l-piena skond il-ligi tordna s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat u tal-Kap 480 Tal-Att dwar l-Armi tal-Liġijiet ta' Malta u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghaz-

zmien stabbilit taht regolament 27(2)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll li minbarra l-piena skond il-ligi tordna il-konfiska tal-corpus delicti, inkluz Shotgun tal-ghamla Breda bin-numru tar-Registrazzjoni 428506 li serva jew li kien mahsub li serva biex isir delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, kif ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Settembru, 2014, li biha wara li rat l-artikoli 5(1), 47(1) u 52 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4(1)(a)(e)(f), 5(1)(3)(a), 7(2), 12(1), 14(1), 16, 17, 18(1)(a)(2)(a) u 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghall-ewwel tnax il-imputazzjoni (u cioe' dawk taht l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006) ikkundannatu multa ta' hamest elef Ewro (€5000) li ghandha tithallas fi zmien sena, skwalifikatu b'mod permanenti minn kull licenzja u/jew permess rikjest ai termini tal-Imsemmi Avviz Legali 79 tas-Sena 2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkonfiskat it-tajra (Ciconia ciconia); u ghall-ahhar tlett imputazzjonijiet (u cioe' dawk taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta) ikkundannatu tlett xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghall-perjodu ta' sena (1), skwalifikatu minn kull licenzja u/jew permess rikjest taht l-imsemmi Kapitolu 480 ghal-perjodu ta' hames (5) snin, u ordnat il-konfiska tal-arma tal-marka Breda b'numru ta' registrazzjoni 428506.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali jitratta dwar pattegjament li sehh kontra d-disposizzjoni tal-ligi quddiem l-ewwel Qorti. Fis-sentenza taghha l-Qorti ghamel is-segwenti konsiderazzjoni qabel ma erogat il-piena: *"dwar il-piena jidher li l-prosekuzzjoni u d-difiża kellhom l-istess aspettattivi dwar kif din il-Qorti tista' tittratta ma' l-imputat. Kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża kienu tal-fehema li għar-reati taħt il-Kapitolu 504... l-impozizzjoni ta' multa kienet tkun idonea, fil-waqt li għar-reati taħt il-Kapitiolu 480 sentenza ta' priġunerija sospiza kienet tkun waħda idonea".* Din il-Qorti gia kellha l-opportunita' illi taghmel kunsiderazzjonijiet dwar il-forma li ghandu jiehu patteggjament quddiem il-Qrati tal-Magistrati, issa li hemm provvedimenti *ad hoc* fil-Kodici Kriminali ex artikolu 392A(5) u dan wara li precedentement il-Qrati taghna kienu taw forma ta' rikonoxximent ghall-patteggjament informali basta li jsir f'certu parametri (ara in rigward Il-Pulizija vs Hamza Kamel El Bakoush deciza fis-26.5.2016);

2. L-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 jipprovdi illi: *"Fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jilhqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-kaz li l-imputat jiddikjara ruhu hati, il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita' miftiehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom".* Ezaminata s-sentenza appellata, senjatament f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ghamlet kunsiderazzjoni dwar il-piena, ma jistghax jitqies li kien hemm xi forma ta' patteggjament bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza u wisq anqas jidher illi l-Qorti mxiet ma dak l-hekk imsejjah patteggjament. L-Avukat Generali ghandu ragun jargumenta illi patteggjament jista' jsir biss skond il-formalita' ravvizata fil-ligi, pero' m'ghandux ragun jghid illi sehh xi forma ta' patteggjament 'l hinn minn dawn il-parametri. L-ewwel Qorti semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, igifieri tal-Ispettur Prosekutur u tal-Avukat difensur tal-appellat u ddikjarat li t-tnejn kellhom l-istess aspettativa dwar il-piena, igifieri multa fir-rigward tar-reati koperti bil-Kap 504 u sentenza ta' prigunerija sospiza ghar-rigward tar-reati emergenti mill-Kap 480. L-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed taqbel ma dan u ma saret ebda rakkomandazzjoni li talvota setghet kienet akkolta mill-ewwel Qorti dwar il-quantum tal-multa u taz-zmien ta' prigunerija, tant li l-Qorti kienet libera tezercita d-diskrezzjoni taghha, kif ghamlet, meta erogat il-piena.

3. Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed ikun michud. Opportunement, izda, tajjeb li jkun rilevat illi l-introduzzjoni tal-formalita' tal-patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati certament kien pass posittiv u mistenni ghal-hafna snin wara li kien introdott quddiem il-Qorti Kriminali. Tazzarda zzid ukoll din il-Qorti illi filwaqt illi l-aspett procedurali tal-patteggjament, igifieri l-procedura ta' rikors wara ftehim bejn l-Avukat Generali u d-difiza, jahdem tajjeb waqt li kawza jew kumpilazzjoni ikunu ghadhom ghaddejjin izda l-istess ma jistghax jinghad fl-ewwel dehra tal-kumpilazzjoni meta persuna

titressaq bl-arrest fejn allura ma jkunx hemm zmien bizzejjed sabiex l-Avukat tad-difiza javvicina lill-Avukat Generali b'xi proposti u li f'kaz ta' qbil jilhaq isir rikors anke ghaliex teknikament qabel ma jitressaq bl-arrest ma jkun hemm ebda kumpilazzjoni pendenti f'dawk l-ismijiet. Il-prospett ta' ammissjoni a bazi ta' patteggjament ghalhekk huwa limitat fil-kaz ta' l-ewwel dehra f'kumpilazzjoni fejn l-persuna titressaq bl-arrest bhal fil-kaz odjern aktar u aktar meta dik is-seduta ssir b'urgenza is-Sibt, il-Hadd jew f'vaganza pubblika;

4. Fit-tieni aggravju tieghu, l-Avukat Generali jargumenta illi l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienu jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji sabiex setghet tinzel taht il-minimu tal-piena ravvizata fil-ligi skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti, izda, wara li ezaminat il-piena kominabbli ghall-kull wahda mill-imputazzjonijiet ma jirrizultalhiex illi l-ewwel Qorti erogat piena taht il-minimu stabilit ghall-kull reat;

5. Ghar-rigward tal-piena erogata, l-Avukat Generali jressaq ukoll s-segwenti argument hawn riprodott: "*Illi lanqas ma jirriżulta mis-sentenza appellata li l-Ewwel Onorabbli qieset ghall-fini ta' piena l-assorbiment ta' xi akkuzi f'ohrajn, jew xi whud minnhom servew bhala mezz ghall-fini ghall-kommissjoni ta' akkuzi ohrajn. .....Bid-dovut rispett l-Ewwel (1) imputazzjoni waħedha, ġġib magħha piena minima ta' multa ta' ħamest elef Ewro (€5,000) u/jew priġunerija sa żmien sena. Issa għal xi raġuni li l-esponent assolutament ma jistax jifhem, l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat din il-piena, fil-minimu tagħha, għall-akkużi kollha taħt l-Avviż Legali 79 ta' l-2006 !! Fi kliem sempliċi, jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi għal dak li jirrigwarda t-tnax (12) –il imputazzjoni taħt l-Avviż Legali 79 ta' l-2006, minkejja li l-appellat instab ħati tat-tnax (12) li huma**,** huwa ġie mogħti l-piena għall-ewwel (1) imputazzjoni biss, u fil-minimu taghha!! L-ewwel Onorabbli Qorti naqset kompletament milli tinfliġġi piena għall-imputazzjonijiet numru 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, u 12, occorrendo tenut kont id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 17 tal-Kap. IX, minkejja li sabet lill-appellat ħati tagħhom.*"
L-Avukat Generali ghandu ragun f'dik il-parti tal-argumentazzjoni

tieghu dwar li l-piena kominata ma ssegwix id-dettami tal-artikolu 17 izda ma jfissirx b'daqshekk illi l-ewwel Qorti naqset milli tinfliggi piena fuq 11-il imputazzjoni. Dan kien altrimenti jimporta l-aggravju ta' nullita fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tant li l-appellant ma invokax in-nullita' tas-sentenza. Kwantu l-ewwel 12-il imputazzjoni, l-ewwel Qorti imponiet multa komplessiva ta' €5000 li hija l-piena tar-reat l-aktar gravi minnhom, li kif tajjeb spjega l-Avukat Generali hija l-minimu li timporta l-ewwel imputazzjoni. F'kaz ta' konkors ta' reati suggetti ghall-piena pekunarja, l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 17(f) jew (h) tal-Kodici Kriminali. Dan huwa hekk ghaliex kieku l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 17(g), l-piena neccessarjament kellha tkun aktar minn dik kominata. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 17(h) izda dan qatt ma seta jkun stante illi r-reati ma kienux iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, jew fi kliem iehor, l-konkors ideali;

6. L-artikolu 17(f) u (h) tal-Kap 9 jipprovdu hekk:

> (f) persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghola jew tal-oghla multa jew ammenda, skond il-kaz, b'zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra;
>
> (h) meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.

Il-konkors formali jew idejali jezisti biss fil-konfront tal-imputazzjonijiet (d) u (e) ghar-rigward tal-ewwel 12-il imputazzjoni. Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun in rigward jekk l-ewwel Qorti kienet fi hsiebha tapplika l-artikolu 17(h) u dan kien possibbli biss ghar-rigward tal-imputazzjonijiet (d) u (e). Fil-konfront tal-imputazzjonijiet l-ohra dwar il-kacca kellu jkun applikat l-artikolu

17(f) igifieri l-oghla multa ghar-reat l-aktar gravi b'zieda ta' nofs ta' kull wahda mill-multi l-ohra.

L-Avukat Generali jilmenta ukoll mill-quantum tal-piena ghar-rigward it-13, l-14 u l-15-il imputazzjoni u jghid illi l-piena kominata hija ferm qrib il-minimu applikabbli ghar-reat wiehed biss u mhux ghat-tlieta. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi ma hux normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Elenosive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Dan japplika ukoll ghall-appell maghmul mill-Avukat Generali. Affermat dan il-principju, l-piena kominata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti, certament bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, kkonsiderat il-piena ahharija erogata bl-iskop illi zzomm bilanc bejn l-aspett deterrent , l-htiega tal-protezzjoni tac-cittadin, f'dan il-kaz il-htiega tal-harisen tal-ambjent naturali u l-proporzjonalita' fil-piena u wara dan tara li ma hemm l-ebda lok ta' temperament in rigward;

7. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonjiet kollha dedotti kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €5000 ghall-ewwel hdax-il imputazzjoni u minflok, bl-applikazzjoni tal-artikoli 17(f) u (h) tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €7250 ghall-ewwel hdax-il imputazzjoni u tikkonfermaha fil-kumplament kompriz l-iskwalifika ghall-ghomor ta' kull licenzja skont l-AL 79/2006 u l-konfiska tat-tajra, b'dan illi l-iskwalifika minn kull

licenzja u/jew permess rikjest taht il-Kapitolu 480 ghal-perjodu ta' hames (5) snin jibdew jiddekorru minn-nofs il-lejl tal-lum;

8. Il-Qorti ghaddiet biex tfiehem lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza skond l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ghar-rigward il-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur liema zmien ma jibdiex fis-sehh hlief jekk l-appellat jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena (1) liema perjodu jibda jiddekorri mill-lum.